24 ta' Jannar, 1990

Imħallfin: –

S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President
Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.
Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.

Il-Pulizija (Supt. Joseph Psaila)

*versus*

Carmelo sive Charles Ellul Sullivan *et*

**Ritrattazzjoni – Petizzjoni – Nullità – Sentenza – Qorti Kostituzzjonali – Drittijiet Fondamentali tal – Bniedem – Konvenzjoni Europea – Kostituzzjoni – Smiegħ Xieraq**

*Petizzjoni ta' ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li kienet iddeċidiet billi kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn kien ġie ritenut li d-divjet lil ċerti avukati li jassistu lill-imputati f'kawżi speċifikati mil-liġi kien jilledi d-dritt ta' l-imputati għal smigħ xieraq. Il-Kummissarju tal-Pulizija allega li s-sentenza kienet applikat il-liġi ħażin u kienet ukoll l-effett ta' żball li jirriżulta mill-atti.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat il-petizzjoni ta' ritrattazzjoni ta' l-imsemmi Kummissarju tal-Pulizija irrita u nulla.*

*Il-Qorti ddeċidiet li s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ma kinux soġġetti għar-ritrattazzjoni. Il-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti kienet definita mill-Kostituzzjoni u ma kienx leċitu li dik il-ġurisdizzjoni tiġi estiża oltre. Il-Kostituzzjoni ma kinitx tikkontempla l-possibilità ta' ritrattazzjoni.*

Il-Qorti: – Rat il-petizzjoni ta' ritrattazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha wara li ppremetta:

1. Illi fil-kors tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet premessi l-imputati allegaw ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' 1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja;

2. Illi bi provvediment datat 6 ta' Jannar, 1988 il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti Istruttorja bagħtet il-kwistjoni msemmija sabiex tiġi deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għat-tenur ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artkolu 4(3) ta' l-Att XIV ta' 1987;

3. Illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 1988, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kwistjoni msemmija dehru biex jippatroċinaw lil tnejn mill-imputati Dottor Joseph Brincat LL.D., M.P. u Dottor Joseph M. Buttiġieġ LL.D., B.A., M.P;

4. Illi b'verbal ta' l-istess data u ċjoè tal-21 ta' Marzu, 1988 u permezz ta' nota tal-25 ta' Marzu, 1988, l-esponenti rrileva illi Dottor Joseph Brincat LL.D., M.P., u Dottor Joseph M. Buttigieg LL.D., B.A., M.P., bħala membri parlamentari ma jistgħux jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat f'dawn il-proċeduri u għalhekk fid-dawl ta' l-artikoli 178(1) u 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dik il-Qorti kellha tordna l-korrezzjonijiet opportuni fl-atti;

5. Illi b'verbal tal-21 ta' Marzu, 1988, Dottor Joseph M. Buttigieg iddikjara li l-artikolu rilevanti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ċjoè l-artikolu 79 ma hux applikabbli f'din il-kawża billi din mhix kawża magħmula mill-''patroċinat'' tiegħu kontra l-Gvern imma ġiet mibgħuta mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati biex jiġi nvestigat il-punt dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem kif dehrilha l-ewwel Qorti;

6. Illi b'verbal susssegwenti tat-28 ta' Marzu, 1988 Dottor Joseph Brincat, *interalia*, issolleva l-kwistjoni illi l-artikolu 79

tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili komparat ma' l-artikolu 85 huwa diskriminatorju minħabba "*status*" bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 14 ta' 1987 u ċjoè bi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

7. Illi b'deċiżjoni tal-21 ta' April, 1988, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rrespinġiet "l-oġġezzjoni sollevata mill-Avukat tar-Repubbllika Anzjan fir-rigward tal-preżenza ta' l-Avukat Dottor Joseph Brincat u Dottor Joseph M. Buttigieg billi din hija infondata fid-dritt u fil-fat" u ddifferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni;

8. Illi l-esponenti ħassu aggravat b'dik id-deċiżjoni u permezz ta' rikors tal-25 ta' April, 1988 interpona umili appell minnha quddiem din L-Onorabbli Qorti li b'sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' April, 1989 iddeċidiet l-appell imsemmi ta' l-esponenti billi filwaqt li ddikjarat li l-appellati setgħu jissollevaw l-argument tal-"*parity* ossija *equality of arms*" in sostenn tas-sottomissjonijiet tagħhom, iddeċidiet billi ċaħdet l-appell imsemmi ta' l-esponenti u kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' April, 1988, bl-ispejjeż ta' dik it-tieni istanza stante n-novità tal-kwistjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti b'dan li l-ispejjeż tar-Reġistru jitħallsu mill-esponenti u ordnat li l-atti tal-proċess jintbagħtu lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni;

9. Illi l-esponenti jissottometti illi skond il-liġi s-sentenza fuq indikata ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu ddikjarat li l-appellati setgħu jissollevaw l-argument tal-"*parity* ossija *equality of arms*" in sostenn tas-sottomissjonijiet tagħhom u in kwantu

ddeċidiet billi ċaħdet l-appell imsemmi ta' l-esponenti u kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' April, 1988 hi soġġetta għal ritrattazzjoni a bażi ta' l-artikolu 811(e)(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi:

a) is-sentenza applikat il-liġi ħażin fis-sens ta' l-artikolu 811(e);

b) is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew id-dokumenti tal-kawża fis-sens ta' l-artikolu 811(1);

Talab li din il-Qorti għar-raġunijiet hemm imsemmija, prevja r-revoka jew tħassir ta' dik il-parti tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-5 ta' April, 1989, fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supretendent Joseph Psaila) versus Carmelo sive Charles Ellul Sullivan, Andrew Camilleri, Saviour Grech, Michael Galea, Carmelo sive Charles Fenech" fejn iddikjarat li l-appellati setgħu jissollevaw l-argument tal- *parity* ossija *equality of arms* in sostenn tas-sottomissjonijiet tagħhom u fejn ċaħdet l-appell magħmul mill-esponenti u kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' April, 1988, a tenur ta' l-artikolu 811(e) u (1) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża kif fuq spjegat, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża kif fuq indikat u hekk tilqa' l-appell ta' l-esponenti tal-25 ta' April, 1988 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supretendent Joseph Psaila) vs. Carmel sive Charles Ellul Sullivan, Andrew Camilleri, Saviour Grech, Michael Galea, Carmelo sive Charles Fenech, u konsegwentement tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Prim'Awla

tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-21 ta' April, 1988, u minflok tiddikjara applikabbli l-artikolu 79 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u tiddikjara li Dottor Joseph Brincat LL.D., M.P., u Dottor Joseph M. Buttigieg LL.D., M.P., ma jistgħux jeżerċitaw il-professjoni ta' Avukat fil-proċeduri msemmija u tordna l-korrezzjonijiet opportuni fl-atti tal-kawża għat-tenur ta' l-artikoli 178(1) u 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-ispejjeż inklużi dawk ta' din il-proċedura kontra l-appellati, biex b'hekk tiġi amministrata ġustizzja skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' Saviour Grech preżentata fil-25 ta' April, 1989;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni, kompriżi l-verbali tal-5 ta' Lulju u 27 ta' Settembru, 1989, li minnhom jirriżulta li l-kawża tħalliet għad-deċiżjoni fuq il-punt jekk tistax issir ritrattazzjoni quddiem din il-Qorti;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Għandu jiġi osservat mill-ewwel li l-argument li l-Kummissarju tal-Pulizija qiegħed jipprova jiġbed miċ-ċirkostanza li fil-kawża "Edward Ferro vs. *Housing Secretary*" ċitata minnu fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu li ma nġabet ebda oġġezzjoni għar-ritrattazzjoni minn din il-Qorti, speċjalment meta wieħed mill-ġudikanti, skond ma hu allegat, kien irediga l-kostituzzjoni, mhuwiex l-argument legali, u jista' semmai juri li l-punt la okkorra lill-partijiet f'dik il-kawża u lanqas lill-Qorti kif allura

kostitwita. In-nuqqas ta' oġġezzjoni għar-ritrattazzjoni mill-Qorti f'dik il-kawża ma jfissirx li l-Qorti kienet qiegħda tiddeċiedi li tista' ssir ritrattazzjoni f'kawża kostituzzjonali. Minn dik in-nhar il-kwistjoni ġiet sollevata in re Galea vs. Onor. Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi u ġie deċiż fis-sens li ma tistax issir ritrattazzjoni u huwa appunt għalhekk li l-istess kwistjoni qiegħda tiġi sollevata f'din il-kawża;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-kritika li l-Kummissarju tal-Pulizija għamel tas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "Joseph Galea vs. Onor. Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi" deċiża fil-25 ta' Ġunju, 1986, li kienet irritjeniet li l-proċedura ta' ritrattazzjoni ma kinetx kontemplata għal deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti iżda, wara li rriflettiet fuqha fit-tul, ma tarax li għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni minnha raġġunta fl-imsemmija sentenza. Dak li mhux qiegħed iżomm quddiem għajnejh l-istess Kummissarju tal-Pulizija huwa li l-Kostituzzjoni fl-art. 46 qiegħda tistabilixxi ġurisdizzjoni speċjali sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet fundamentali kontemplati fil-Kostituzzjoni u għall-finijiet ta' din il-ġurisdizzjoni speċjali qiegħda tistabilixxi proċedura speċjali u tikkonferixxi ċerti setgħat sabiex il-Qorti teżerċita dik il-ġurisdizzjoni speċjali, - tant li fl-art. 46(6) u l-art. 95(4) qiegħda tikkontempla setgħat żejda li jiġu mogħtija b'Att tal-Parlament sabiex "il-Qorti tkun tista' effettivament teżerċita **l-ġurisdizzjoni mogħtija lilha b'dan l-artikolu"** (sottolinear tal-Qorti);

Appuntu għaliex si trattava ta' ġurisdizzjoni u proċedura speċjali, il-Kostituzzjoni ħasset in-neċessità li tagħti espressament

id-dritt ta' appell u fil-fatt fl-art. 46(4) iddisponiet li kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond l-istess Artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Kieku ma kienx hemm din id-dispożizzjoni **ad hoc**, ma kienx ikun hemm dan id-dritt ta' appell lil din il-Qorti;

Iżda l-Kostituzzjoni ma kkontemplatx li tagħti wkoll id-dritt ta' ritrattazzjoni li huwa dritt straordinarju u l-Qorti ma tarax li jkun leċitu li tagħti lilha nfisha dan id-dritt straordinarju li f'ċerti każi tisma' r-ritrattazzjoni tal-kawża meta l-istess Kostituzzjoni ma tagħtihiex dan id-dritt, **multo magis** meta l-liġi stess fl-art. 45 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tiddisponi espressament li l-Qorti Kostituzzjonali teżerċita dik il-ġurisdizzjoni **kif** ikun provdut fil-Kopstituzzjoni ta' Malta (sottolinear tal-Qorti), u meta, wieħed jista' jżid, il-Kostituzzjoni stess trid li l-proċedura tkun b'rikors u s-smigħ ikun b'kull ħeffa possibbli. Kif ġie deċiż f'Camilleri *utrinque (Kollez. Dec. Vol. IX, p. 351): "il difetto di provvedimento nella legge non può essere supplito dal ministero del tribunale" - "Judicis est jus dicere non dare".* L-Imħallef għandu jamministra l-liġi u mhux jagħmilha hu;

Is-sottomissjonijiet magħmula fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, li l-Qorti terġa' tgħid ikkunsidrat bl-akbar reqqa, ma humiex biżżejjed biex iġagħluha tiddipartixxi mill-imsemmija konsiderazzjonijiet kardinali kif ukoll mill-konsiderazzjonijiet l-oħra magħmula minnha fil-kawża fuq imsemmija Galea vs. L-Onor, Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-proċedura tar-ritrattazzjoni mhix kontemplata f'każ bħal dak preżenti;

Għal dawn il-motivi għalhekk, u għar-raġunijiet esposti, il-qorti tiddeċiedi l-punt fuq imsemmi billi tiddikjara li l-proċedura ta' ritrattazzjoni mhix kontemplata u kwindi ma tistax tiġi adoperata f'każijiet bħal dak preżenti, u konsegwnetement tiddikjara l-petizzjoni ta' ritrattazzjoni ta' l-imsemmi Kummissarju tal-Pulizija irrita u nulla u ma tiħux konjizzjoni tagħha. L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-istess Kummissarju tal-Pulizija.